# Informazzjoni ġenerali u termini u kundizzjonijiet

Sib Avukat

## 1. Ħarsa ġenerali

"Sib avukat" huwa servizz provdut lill-pubbliku ġenerali mill-Kummissjoni Ewropea u mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-avukati parteċipanti. Il-Kummissjoni għamlet dan is-servizz disponibbli biex tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja f'kuntest transfruntier billi tippermetti liċ-ċittadini tal-UE u lill-prattikanti legali li jsibu avukat faċilment fl-UE kollha.

## 2. Termini u Kundizzjonijiet

Bl-użu ta' dan is-servizz inti taqbel li tintrabat bit-termini u l-kundizzjonijiet li ġejjin.

Inti taqbel li tuża dan is-servizz esklussivament għall-iskop maħsub tiegħu - biex issib professjonist legali (avukat) biex tfittex is-servizzi tiegħu jew tagħha jew għall-kuntatt bejn il-pari professjonali. Inti ma għandekx tuża s-servizz, jew kwalunkwe dejta personali mibgħuta lura mis-servizz, għal kwalunkwe intenzjoni jew skop ieħor, u b'mod partikolari fir-rigward tat-twettiq ta' attivitajiet ta' marketing, ta' reklamar jew kummerċjali.

Inti mintix permess li tikkopja b'mod awtomatizzat (ħsad), u/jew tqassam id-dejta riċevuta permezz tas-servizz "Sib avukat" bl-ebda mezz. Inti permess tagħmel link mal-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja u l-paġni tiegħu.

Minbarra dawn it-Termini, it-Termini u d-Dikjarazzjoni ta’ ċaħda ta’ responsabbiltà rigward il-privatezza applikabbli għall-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja japplikaw b'mod sħiħ. Tista' tikkonsultahom hawnhekk.

Il-Kummissjoni Ewropea tista' tirrevedi dawn it-Termini fi kwalunkwe ħin mingħajr avviż minn qabel u inti għandek dejjem tirreferi għall-verżjoni attwali ta' dawn it-Termini kif ippubblikata fuq din il-websajt.

Il-liġi applikabbli hija l-liġi Belġjana u l-qrati Belġjani huma kompetenti fil-każ ta' tilwim.

## 3. Limitazzjoni tar-responsabbiltà

Dan is-servizz huwa pprovdut "kif inhu" u fuq bażi tal-"aħjar sforz". Il-Kummissjoni Ewropea u l-kumitati nazzjonali tal-avukati parteċipanti jiċħdu kwalunkwe u kull responsabbiltà, kemm espliċita kif ukoll impliċita. B'mod partikolari aħna ma nistgħux niggarantixxu l-istat aġġornat tad-dejta, il-korrettezza tagħha jew niżguraw id-disponibbiltà mhux interrotta tas-servizz.

## 4. Użu ta' cookies

Aħna nużaw il-cookies bl-iskop uniku li nipprovdulek esperjenza ta' użu pjaċevoli. Aħna ma naħżnu l-ebda dejta personali f'dawn il-cookies, u lanqas ma naqsmuhom ma' partijiet terzi.

## 5. Mistoqsijiet frekwenti

Mistoqsija: Minn fejn tiġi d-dejta?
Tweġiba: Id-dejta fuq l-avukati tinġieb mir-reġistri tal-kumitati nazzjonali tal-avukati parteċipanti.

Mistoqsija: It-tfittxija hija fil-ħin reali?
Tweġiba: Iva, it-tfittxija hija fil-ħin reali u tingħaqad direttament mar-reġistru tal-kumitati nazzjonali tal-avukati rilevanti.

Mistoqsija: Għaliex ma nistax infittex fl-Istati Membri kollha tal-UE?

Tweġiba: Għalissa, mhux il-kumitati nazzjonali tal-avukati kollha fl-Istati Membri jipparteċipaw. Il-Kummissjoni Ewropea qed taħdem kontinwament biex finalment testendi l-kopertura tas-servizz għall-Istati Membri u l-kumitati nazzjonali tal-avukati kollha tal-UE.

Mistoqsija: Għaliex mhux il-kriterji kollha tat-tiftix huma disponibbli għall-pajjiż X?
Tweġiba: Minħabba limitazzjonijiet legali u tekniċi, mhux ir-reġistri tal-kumitati nazzjonali tal-avukati kollha jippermettu tfittxija bbażata fuq il-kriterji kollha tat-tiftix. Dan jista' jinbidel fil-futur.

Mistoqsija: Jien qed nesperjenza diffikultà teknika/is-servizz mhux disponibbli, tistgħu jekk jogħġobkom tirranġawh?
Tweġiba: Aħna ma nistgħux niżguraw id-disponibbiltà 24/7 tas-servizz jew id-disponibbiltà ta' kwalunkwe reġistru ta' kumitat nazzjonali tal-avukati f'punt partikolari fil-ħin. Jekk tesperjenza indisponibbiltà sistematika tas-servizz jew kwistjoni teknika oħra, inti tista' tinnotifikana u l-Kummissjoni tagħmel ħilitha biex tirrettifika l-problema mill-aktar fis possibbli.

Mistoqsija: Jien avukat irreġistrat f'kumitati nazzjonali tal-avukati parteċipanti u s-servizz ma jirritornax riżultat fuqi/l-informazzjoni hija żbaljata/irrid nitneħħa. Lil min għandi nikkuntattja?
Tweġiba: Jekk jogħġbok ikkuntattja l-kumitat nazzjonali tal-avukati ta' reġistrazzjoni rilevanti tiegħek. Il-Kummissjoni la għandha aċċess għad-dejta tal-kumitati nazzjonali tal-avukati u lanqas tista' timmodifikaha bl-ebda mod. Għandek issib informazzjoni ta' kuntatt hawn taħt.

Mistoqsija: Għandi mistoqsija oħra, lil min nista' nikkuntattja?
Tweġiba: Jekk jogħġbok ara hawn taħt.

6. Informazzjoni tal-kuntatt

Il-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja u s-servizz "Sib avukat" huma ġestiti mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ġustizzja, Unità B.3. Il-persuna responsabbli (il-kontrollur tad-dejta) hija Cristian NICOLAU, Kap tal-Unità.

Għal mistoqsijiet ġenerali, biex tirrapporta problema teknika jew tipprovdi idea, inti tista' tikkuntattja l-Kummissjoni Ewropea permezz tal-posta jew bil-posta elettronika fuq:

*European Commission*

DG JUSTUnit B3B-1049 BrusselsBelgium
JUST-E-JUSTICE@ec.europa.eu

Jekk trid tressaq ilment kontra kwalunkwe att tal-ipproċessar tad-dejta mwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, tista' tikkuntattja l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta:

European Data Protection Supervisor (EDPS)60 Rue Wiertz (MO 63)B-1047 BrusselsBelgiumtelefown: +32 2 283 19 00faks: +32 2 283 19 50

L-informazzjoni ta' kuntatt fuq il-fornituri tad-dejta li jipparteċipaw tinstab hawn taħt. Jekk għandek kwistjoni jew mistoqsijiet, rigward id-dejta mibgħuta lura mis-servizz "Sib avukat" għandek tikkuntattja l-kumitat nazzjonali tal-avukati responsabbli direttament. Dan japplika wkoll jekk għandek talbiet jew tħassib partikolari rigward l-ipproċessar tagħhom tad-dejta personali tiegħek.

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | il-Belġju |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Ordre des Barreaux Francophones et Germanophone (OBFG) |
| Persuna ta’ kuntatt | FAL support |
| Indirizz postali | Avenue de la Toison D'Or, 65, B-1060 Brussels |
| Nru tat-telefown | +32.(0)2.648.20.98 |
| Faks | +32.(0)2.648.11.67 |

| | |
|---|---|
| Websajt: | https://avocats.be |
| Indirizz tal-posta elettronika | operations@dp-a.be |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | il-Belġju |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Orde van Vlaamse Balies (OVB) |
| Persuna ta’ kuntatt | FAL support |
| Indirizz postali | Staatsbladsstraat 8, B-1000 Brussels |
| Nru tat-telefown | +32.(0)2.227 54 70 |
| Faks | +32.(0)2.227 54 79 |
| Websajt: | http://www.advocaat.be |
| Indirizz tal-posta elettronika | operations@dp-a.be |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | Ir-Repubblika Ċeka |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati Ċek |
| Persuna ta’ kuntatt | Lenka Vojirova |
| Indirizz postali | Národní tř. 16, 110 00 Praha 1 |
| Nru tat-telefown | +420 221 729 025 |
| Faks | +420 224 932 989 |
| Websajt: | https://www.cak.cz/en/ |
| Indirizz tal-posta elettronika | vojirova@cak.cz |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | Id-Danimarka |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati Daniżi u l-Għaqda tal-Liġi |
| Persuna ta’ kuntatt | Ms Ditte Nissen Lund |
| Indirizz postali | Kronprinsessegade 28, 1306 Copenhagen K |
| Nru tat-telefown | +45 3396 9798 |
| Faks | +45 3396 9792 |
| Websajt: | https://www.advokatsamfundet.dk/english/ |
| Indirizz tal-posta elettronika | postkasse@advokatsamfundet.dk |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | Il-Ġermanja |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Bundesrechtsanwaltskammer |
| Persuna ta’ kuntatt | Rechtsanwalt Christian Dahns |
| Indirizz postali | Littenstraße 9, 10179 Berlin |
| Nru tat-telefown | +49 -30/ 284939-0 |
| Faks | +49 -30/ 284939-11 |
| Websajt: | https://www.brak.de/ |
| Indirizz tal-posta elettronika | dahns@brak.de |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | l-Estonja |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Estonian Bar Association |
| Persuna ta’ kuntatt | Ms Katrin Kose |
| Indirizz postali | Rävala pst 3, Tallinn 10143, Estonia |
| Nru tat-telefown | +372 662 0665 |
| Faks | +372 662 0677 |
| Websajt: | https://www.advokatuur.ee/eng/frontpage |
| Indirizz tal-posta elettronika | advokatuur@advokatuur.ee |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | Il-Greċja |

| | |
|---|---|
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati ta' Ateni |
| Persuna ta’ kuntatt | Vasileios Manios |
| Indirizz postali | Akadimias 60, Athens |
| Nru tat-telefown | +302103398233 |
| Faks | +302103647172 |
| Websajt: | http://www.dsa.gr/page/identity-athens-bar-association |
| Indirizz tal-posta elettronika | manios@dsa.gr |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | Spanja |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Consejo General de la Abogacía Española |
| Persuna ta’ kuntatt | FAL support |
| Indirizz postali | 28004 |
| Nru tat-telefown | +34 91 150 1003 |
| Faks | |
| Websajt: | http://www.abogacia.es/ |
| Indirizz tal-posta elettronika | spain.technical.support@redabogacia.org |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | Franza |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Conseil National des Barreaux |
| Persuna ta’ kuntatt | |
| Indirizz postali | 22 rue de Londres 75009 Paris |
| Nru tat-telefown | +33153308576 |
| Faks | +33153308562 |
| Websajt: | https://www.cnb.avocat.fr/en |
| Indirizz tal-posta elettronika | assistance@cnb.avocat.fr |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | il-Kroazja |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Il-Kamra tal-Avukati Kroata |
| Persuna ta’ kuntatt | Tea Đurinek Vragotuk |
| Indirizz postali | Koturaška ul.53 |
| Nru tat-telefown | +385 1 6165 200 |
| Faks | |
| Websajt: | http://www.hok-cba.hr |
| Indirizz tal-posta elettronika | hok-cba@hok-cba.hr |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | L-Italja |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Consiglio Nazionale Forense |
| Persuna ta’ kuntatt | FAL support |
| Indirizz postali | Via del Governo Vecchio, 3 - 00186 - Roma |
| Nru tat-telefown | +39 06 977488 |
| Faks | +39 06 977488 29 |
| Websajt: | https://www.consiglionazionaleforense.it/ |
| Indirizz tal-posta elettronika | urp@consiglionazionaleforense.it |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | Ċipru |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati ta' Ċipru |
| Persuna ta’ kuntatt | Laris Vrahimis |
| Indirizz postali | 2 Chr. Sozou - off.206, Lefkosia, 1096 |

| | |
|---|---|
| Nru tat-telefown | +357 2267 4533 |
| Faks | +357 2267 5692 |
| Websajt: | http://www.cyprusbarassociation.org/index.php/en/ |
| Indirizz tal-posta elettronika | lv@vrahimi.com |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | Il-Litwanja |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati Litwan |
| Persuna ta' kuntatt | Audrius Bitinas |
| Indirizz postali | Tilto 17, Vilnius, Lithuania |
| Nru tat-telefown | +370 5 2624546 |
| Faks | +370 5 2121859 |
| Websajt: | http://www.advokatura.lt/en/welcome.html |
| Indirizz tal-posta elettronika | audrius.bitinas@advoco.lt |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | Il-Lussemburgu |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati tal-Lussemburgu |
| Persuna ta' kuntatt | Fernande Nennig |
| Indirizz postali | B.P.361 L-2013 Luxembourg |
| Nru tat-telefown | +352 46 72 72 1 |
| Faks | +352 22 56 46 |
| Websajt: | https://www.barreau.lu/ |
| Indirizz tal-posta elettronika | fernande.nennig@barreau.lu |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | L-Ungerija |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Il-Kamra tal-Avukati Ungeriża |
| Persuna ta' kuntatt | FAL Support |
| Indirizz postali | 1055 Budapest, Szalay utca 7 |
| Nru tat-telefown | +36 1 3119 800 |
| Faks | |
| Websajt: | https://www.mük.hu |
| Indirizz tal-posta elettronika | muk@muknet.hu |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | Malta |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Il-Kamra tal-Avukati |
| Persuna ta' kuntatt | Dr Stefan Camilleri |
| Indirizz postali | Il-Qorti, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta |
| Nru tat-telefown | +356 21248601, +356 7721248601 |
| Faks | |
| Websajt: | http://www.avukati.org |
| Indirizz tal-posta elettronika | info@avukati.org |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | Il-Pajjiżi l-Baxxi |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati Olandiż |
| Persuna ta' kuntatt | FAL support |
| Indirizz postali | Postbus 30851 2500GW Den Haag |
| Nru tat-telefown | +31703353554 |
| Faks | +31703353531 |
| Websajt: | https://www.advocatenorde.nl/english |
| Indirizz tal-posta elettronika | helpdesk@advocatenorde.nl |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | L-Awstrija |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati Awstrijakk |
| Persuna ta’ kuntatt | FAL support |
| Indirizz postali | Tuchlauben 12, 1010 Vienna, Austria |
| Nru tat-telefown | 0043 / 1 / 535 12 75 - 0 |
| Faks | 0043 / 1 / 535 12 75 - 13 |
| Websajt: | https://www.rechtsanwaelte.at/en/ |
| Indirizz tal-posta elettronika | rechtsanwaelte@oerak.at |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | Il-Polonja (Konsulenti Legali) |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Krajowa Izba Radców Prawnych (KIRP) |
| Persuna ta’ kuntatt | Renata Piątkowska |
| Indirizz postali | Al. Powązkowska 15, 01-797 Warszawa |
| Nru tat-telefown | +48 22 300 86 40 |
| Faks | - |
| Websajt: | http://kirp.pl/foreign-activity/ |
| Indirizz tal-posta elettronika | kirp@kirp.pl |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | Il-Polonja (il-Kumitat Nazzjonali tal-Avukati) |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Il-Kumitat Nazzjonali Suprem tal-Avukati tal-Polonja |
| Persuna ta’ kuntatt | Stefan Karmaza |
| Indirizz postali | ul. Świętojerska 16, 00-202 Warszawa |
| Nru tat-telefown | +48695664246 |
| Faks | +48224120640 |
| Websajt: | http://www.nra.pl/ |
| Indirizz tal-posta elettronika | stefan.karmaza@ec2.pl |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | Is-Slovenja |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Odvetniška zbornica Slovenije |
| Persuna ta’ kuntatt | Nastja Karlič |
| Indirizz postali | 1000 Ljubljana |
| Nru tat-telefown | +3861 300 34 20 |
| Faks | +3861 300 34 32 |
| Websajt: | http://www.odv-zb.si/ |
| Indirizz tal-posta elettronika | info@odv-zb.si |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | Il-Finlandja |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Il-Kumitat Nazzjonali tal-Avukati tal-Finlandja |
| Persuna ta’ kuntatt | Minna Melender<br>Eric Puchner |
| Indirizz postali | PL 194, FI-00101 Helsinki |
| Nru tat-telefown | +358 9 68661213 |
| Faks | +358 9 68661299 |
| Websajt: | https://asianajajaliitto.fi/ |
| Indirizz tal-posta elettronika | minna.melender@asianajajaliitto.fi<br>eric.puchner@asianajajaliitto.fi |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | Svezja |

| | |
|---|---|
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Sveriges Advokatsamfund |
| Persuna ta’ kuntatt | Magnus Andersson |
| Indirizz postali | Box 27321, SE-102 54 Stockholm |
| Nru tat-telefown | +46 8 4590303 |
| Faks | +46 8 6600779 |
| Websajt: | https://www.advokatsamfundet.se/Advokatsamfundet-engelska/ |
| Indirizz tal-posta elettronika | magnus.andersson@advokatsamfundet.se |

| | |
|---|---|
| Isem il-Pajjiż | in-Norveġja |
| Isem il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati | Norwegian Bar Association |
| Persuna ta’ kuntatt | Vegard Fløtre |
| Indirizz postali | Kristian Augustsgt. 9, 0164 Oslo, Norway |
| Nru tat-telefown | +47 91 30 30 94 |
| Faks | +44 131 225 3642 |
| Websajt: | https://www.advokatforeningen.no/om/om-medlemskapet/english/ |
| Indirizz tal-posta elettronika | vf@advokatforeningen.no |

L-aħħar aġġornament: 20/03/2026

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f’din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta’ kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.